MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2013

Rikors Numru. 205/2013

**AB**

***vs***

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet:

Illi il-partijiet izzewgu fl-5 ta’ Awissu 2006 gewwa Palazzo Capua, Sliema. Kopja tac-Certifikat taz-Zwieg qed jigi anness u mmarkat Dok. A;

Illi minn dan iz-zwieg ma twieldu l-ebda tfal;

Illi l-partijiet ilhom separati de facto ghal aktar minn erbgha snin u cioe’ minn Awissu tas-sena 2007;

Illi l-partijiet iffirmaw kuntratt ta’ separazzjoni nhar is-16 ta’ April 2013 fl-Atti tan-Nutar Clyde La Rosa (Kopja tal-Kuntratt ta’ Separazzjoni qed tigi annessa u mmarkata Dok. B);

Illi ai termini tat-Tieni Artikolu ta’ l-istess Kuntratt, il-partijiet iddikjaraw illi it-tnejn li huma irrinunzjaw irrevokabbilment mid-dritt illi jircevu manteniment minghand xulxin minhabba ragunijiet kontemplati fil-Ligi. Ghaldaqstant, l-ebda manteniment ma qatt kien u ma jista’ jkun dovut mill-partijiet;

Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn l-partijiet stante illi minbarra li l-partijiet ilhom aktar minn erbgha snin mifrudin, huma illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib ta’ divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-Zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-2 ta’ Mejju, 2013;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Semghet lill-intimat jixhed bil-gurament tieghu;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom de facto separati minn Awissu tas-sena 2007 u illi iffirmaw kuntratt ta’ separazzjoni fl-1 ta’ April, 2013;

Illi l-Qorti rat illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal, illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda manteniment dovut;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------